MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 19 ta' Awwissu 2019**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frankie Sammut)**

**vs**

**Miljan Cvetkovic**
**(Passaport numru 010092622)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **Miljan Cvetkovic** akkuzat talli fl- 24 ta' April, 2019 u jew fil-jiem, gimghat jew xhur ta' qabel din id-data f'dawn il-gzejjer:

1. Attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx bhala vjolenza pubblika, kontra persuni nkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skont il-ligi mill-awtorità kompetenti;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi inġurja, jew hedded, jew jagħmel offiża fuq il-persuna ta' wieħed inkarigat skont il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li jkun jagħmel jew minħabba li jkun għamel dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżgħu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

3. U aktar talli fl-istess, data, lok, hin u cirkostanzi, ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' PC 168 Jonathan Sterry, liema griehi huma ta' natura hafifa, hekk kif iccertifikat minn Dr. M Camilleri M.D. detentur ta' numru tar-registru mediku 2242;

4. U aktar talli fl-istess, data, lok, hin u cirkostanzi mingħajr awtorità leġittima użа jew kellu fil-pussess tieghu xi dokumenti, meħtieġ għall-finijiet ta' dan l-Att li kienu falsifikati skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kap 217);

5. U aktar talli fl-istess, data, lok, hin u cirkostanzi iffalsifika, biddel jew għamel xi tibdil f'passaport, jew uża jew kellu fil-pussess tieghu xi passaport, li hu kien jaf li ġie ffalsifikat, imbiddel jew li sar xi tibdil fih;

6. U aktar talli fl-istess, data, lok, hin u cirkostanzi għamel falsifikazzjoni oħra jew xjentement għamel użu minn xi dokumenti oħra ffalsifikati;

7. U aktar talli fl-istess, data, lok, hin u cirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-awtorità jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku;

8. U aktar talli nhar l-24 ta' April, 2019 ghall-habta tal-16:45hrs ghamel harba semplici waqt li kien taht il-kustodja tal-pulizija minn gewwa l-isptar Mater Dei.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda mressqa mill-Prosekuzzjoni;

Semghet lill-imputat u lix-xhud imressaq mid-difiza;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputat jinsab akkuzat b'diversi imputazzjonijiet fosthom li kien fil-pussess ta' dokumenti ta' identifikazzjoni foloz, li rrezista l-arrest u wegga' hafif kuntistabbli tal-Pulizija u li wkoll harab mill-kustodja tal-Pulizija.

Illi jirrizulta illi l-imputat gie arrestat wara li nghatat ordni biex jigi arrestat fuq suspett li kien qieghed juza dokumenti ufficjali Sloveni foloz. Fil-fatt l-imputat gie arrestat waqt li kien qieghed f'gym gewwa lukanda u ttiehed il-Kwartieri Generali tal-Pulizija. Peress li l-imputat ma tantx kien jifhem bil-lingwa Ingliza giet mitluba l-ghajnuna ta' interpretu ghal-lingwa Serba, però l-imputat ried traduttrici ohra, u cioè lil Maya Brown, u ghalhekk din giet ikkuntattjata mill-Pulizija biex tittraduci mill-Ingliz ghal-lingwa Serba. Jirrizulta illi l-imputat, waqt li kien fl-ufficcju tal-Ispettur Frankie Sammut u Spettur iehor, l-Ispettur Hubert Gerada, kien qieghed jispjegalu li hemm suspett li d-dokumenti pprovduti minnu kienu foloz, l-imputat hebb ghal Gerada u talab li jigi nvistat minn psikjatra. Ghalhekk gie invistat minn tabib tac-Centru tas-Sahha tal-Furjana li rreferih ghall-isptar Monte Karmeli, però dan ma setax isir qabel jghaddi minn certi proceduri gewwa l-Isptar Mater Dei. Ghalhekk huwa ttiehed skortat gewwa Mater Dei fejn meta kien qieghed jigi registrat, huwa harab mill-kustodja tal-Pulizija u biex rega' gie arrestat safa' mwegga' PC 168 Jonathan Sterry.

Illi mir-rapport esebit kemm tal-espert forensiku tal-Laboratorju Forensiku tal-Pulizija u wkoll mill-espert indipendenti John Charles Ellul, jirrizulta illi kemm il-passaport, kemm il-licenzja tas-sewqan u kemm il-permess ta' residenza tas-Slovenja, u li jinsabu esebiti a fol. 39 tal-process, huma foloz.

Min-naha l-ohra l-imputat xehed illi hu proprju l-persuna ta' Boris Cakic kif jidher fuq id-dokumenti esebiti a fol. 39 u mhux Miljan Cvetkovic. Jghid li huwa suldat professjonist, fizzjal u veteran militari tal-gwerra u li kien ufficjal fil-Foreign Legion ta' Franza. Jispjega li huwa twieled fit-30 ta' Ottubru 1981 f'Belgrad. Huwa jishaq li l-arrest tieghu kien wiehed illegali u abbuziv u dan ghaliex ma nqrawlux id-drittijiet legali tieghu. Huwa esebixxa numru ta' dokumenti b'ghadd kbir ta' ritratti tieghu liebes l-uniformi ta' suldat u ghadd ta' dokumenti ohra, fosthom bankarji, li juru ismu bhala Boris Carnic.

**Ikkunsidrat:**

Illi jibda biex jinghad illi l-imputat, waqt ix-xhieda tieghu, ghamel diversi allegazzjonijiet rigward l-arrest tieghu u rigward il-lezjoni tad-drittijiet fundamentali tieghu stante li ma nghatax id-drittijiet legali tieghu waqt li

kien arrestat. Illi jirrizulta illi l-Pulizija agevolat lill-imputat wara li gie arrestat billi ssostitwiet l-interpretu li digà kien intghazel ghall-imputat u giet maghzula interpretu li ghazel l-imputat stess. Illi l-Qorti tirrileva illi l-imputat ma ttiehditlu l-ebda stqarrija ghaliex kien difficli ghall-Pulizija tikkomunika mieghu. Ukoll irid jinghad illi l-imputat, wara l-arrest tieghu, talab ghall-kura medika u ghalhekk din r-rikjesta kellha tiehu prijorità fuq kull haga ohra. Illi l-Qorti ma tista' tirraviza l-ebda fondatezza fl-allegazzjonijiet avvanzati mill-imputat.

Illi fir-rigward tal-identità tal-imputat, id-difiza sahqet illi l-persuna li l-Qorti ghandha quddiemha huwa Boris Carnic u mhux Miljan Cvetkovic u li ghalhekk il-Prosekuzzjoni kienet qieghda takkuza persuna zbaljata. Illi l-Qorti hija konvinta lil hinn minn kull dubju ragjonevoli li l-persuna li ghandha quddiemha hija fil-fatt Miljan Cvetkovic. Dan jirrizulta principalment mid-diversi dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni u mill-konferma tal-awtoritajiet Sloveni illi Boris Carnic ma jezistix (a fol. 15), però min-naha l-ohra tezisti l-persuna ta' Miljan Cvetkovic kif ikkonfermat mill-awtoritajiet Serbi (a fol. 108). Il-Qorti wkoll m'ghandha l-ebda raguni ghalfejn tiddubita mill-konkluzjonijiet raggunti mill-espert nominat minnha dwar il-falsità tad-dokumenti li kienu fil-pussess tal-imputat.

Illi fir-rigward tal-harba tal-imputat mill-Isptar Mater Dei, harba li l-imputat jichad kategorikament, din il-Qorti m'ghandha l-ebda raguni ghala m'ghandhiex temmen u tqis bhala veritjiera l-verzjoni moghtija mid-diversi ufficjali tal-Pulizija li kienu prezenti u ddeskrivew l-istess harba. Il-Qorti ma taqbilx mad-difiza illi l-imputat ma kienx jaf li kien qieghed arrestat. Kieku ma kienx jaf li kien qieghed jigi arrestat, seta' qabad u telaq mill-Isptar b'mod normali u mhux telaq jigri.

Il-Qorti tirrileva illi ghalkemm l-imputat jista' jkun li kien suldat f'xi legjun barrani, dan ma jissanzjona l-ebda tip ta' reat imwettaq minnu f'Malta. Mill-atti jirrizulta illi l-imputat dahal hawn Malta b'Passaport Serb (ara fol. 16) fl-4 ta' Frar 2017, liema passaport kien validu sal-2023. Naturalment dak il-passaport ma kienx jaghtih id-drittijiet komunitarji li jistghu jaghtuh dokumenti Sloveni, pajjiz fl-Unjoni Ewropeja.

Ghaldaqstant il-Qorti tiddikjara li l-imputazzjonijiet kollha gew ippruvati skont il-ligi.

**DECIDE**

Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat artikoli 17, 95, 96, 151, 221 (1), 189, 338 (ee) tal-Kodici Kriminali, artikolu 5 tal-Kapitolu 61 tal-Ligijiet ta' Malta u

artikolu 32 (1) (f) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara lil **Miljan Cvetkovic hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal tnax (12)-il xahar prigunerija li minnhom ghandu jitnaqqas il-perjodu li l-imputat ghamel taht arrest preventiv u multa ta' hamest elef ewro (€5000).**

Il-Qorti tordna wkoll li ai termini tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, l-imputat ihallas fi zmien xahar l-ispejjez relatati mar-rapport tal-espert nominat John Charles Ellul fl-ammont ta' seba' mija u tletin ewro u erbatax-il centezmu (€730.14).

Il-Qorti qieghda wkoll tohrog Ordni ta' Protezzjoni ai termini tal-artikolu 412C tal-Kodici Kriminali fil-konfront tal-Ispettur Frankie Sammut u dan bil-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet moghti illum stess u anness ma' din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha.

**Dr. Charmaine Galea**
**Magistrat**

Diane Gatt
Deputat Registratur